**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 339 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar punt imqajjem mill-Onor. Godfrey Farrugia fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tal-14 ta' Diċembru 2015**

Is-Sedja rat estratt mit-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-lum 14 ta' Diċembru 2015 tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fejn l-Onor. Godfrey Farrugia talab *ruling* mis-Sedja meta qal hekk:

> "**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Nixtieq nagħmel referenza għall-aħħar żewġ paragrafi tal-Minuti, b'mod partikolari l-aħħar wieħed, fejn jirrigwarda d-diffikultà li kien qajjem l-Onor. David Agius. Jien minn wara din il-laqgħa ukoll kont ktibt lill-Ispeaker biex nivverifika l-fatti kif kienu seħħew fil-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra. L-Onor. David Agius naf li kien talab *ruling* għal tliet darbiet waqt il-laqgħa li kellna hawnhekk fil-Kumitat tal-Verifika u ma kienx irtira, imma għaldaqstant biex ma nidħolx iktar f'polemiċi u wkoll biex niċċara l-fatti tas-sitwazzjoni kif konna tkellimna fil-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra, Mr Chairman jien qed nitlob *ruling* min-naħa tiegħi biex b'hekk l-Ispeaker jiċċara s-sitwazzjoni dwar il-fatti kif seħħew f'dak il-Kumitat.
>
> **THE CHAIRMAN:** Għandek dritt u se jiġi reġistrat li inti qed titlob *ruling*."

Is-Sedja rat ukoll estratt mit-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2015, tal-istess Kumitat fejn l-Onor. David Agius f'mill-inqas erbat istanzi talab *ruling*. Fl-aħħar istanza l-Onor. David Agius qal hekk:

> "Fil-każ nitolbu *ruling* mingħand l-Ispeaker, ma ġara xejn fuq din, però l-House Business Committee ma jgħidx hekk."

Wara li ntemmet il-laqgħa tal-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2015, is-Sedja rċeviet emails mill-Onor. David Agius fejn qal li huwa ma sostna l-ebda talba għal *ruling* u li kieku ried jinsisti għal *ruling* kien jaf x'għandu jagħmel.

Is-Sedja se tgħaddi biex tara dak li ġie mitlub mill-Onor. Godfrey Farrugia fil-laqgħa tal-lum, u allura se tirreferi għall-aħħar żewġ paragrafi tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2015 li jgħidu hekk, u nikkwota:

> "Iċ-Chairman qal li ma kien hemm ebda problema li l-Kumitat jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru u anke, jekk ikun hemm bżonn, it-Tlieta, 15 ta' Diċembru filgħodu, imbagħad id-diskussjoni tmur fil-Plenarja, jekk ikun hemm il-ħtieġa, it-Tlieta jew l-Erbgħa, 15 u 16 ta' Diċembru rispettivament.
>
> L-Onor. Agius qal li filwaqt li kien qed jaqbel li l-Kumitat jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 14 u 15 ta' Diċembru, dwar meta kellha tmur fil-Plenarja kellu jiddeċiedi l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u mhux il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u għaldaqstant kien qed jitlob *ruling* mingħand l-Ispeaker."

Dawn huma l-aħħar żewġ paragrafi tal-Minuti li ġew ikkonfermati fil-laqgħa tal-lum tal-istess Kumitat.

Is-Sedja tagħmel referenza għat-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-Tlieta, l-1 ta' Diċembru 2015, partikolarment għal dak li qal il-Kap tal-Kamra l-Onor. Louis Grech, u nikkwota:

> "Min-naħa tagħna le. Aħna se nagħmlu Kumitat tal-Verifika għax hemm numru ta' affarijiet li rridu ngħaddu, jekk ikun hemm xi ħaġa li l-Oppożizzjoni trid li tiġi diskussa fil-Parlament, ma tgħaddix mill-Kumitat, allura rridu nressquha f'waħda minn dawk il-ġranet li inti għedtli għandek spazju għalihom.",

għal liema kumment ma kienx hemm oġġezzjoni.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal tabella li turi l-iskeda ta' seduti kif maqbula bejn il-partijiet fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-1 ta' Diċembru 2015, liema skeda ġiet ċirkolata mal-Membri tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra dakinhar stess wara l-laqgħa tal-istess Kumitat. Irid jingħad ukoll li ħlief għaż-żieda tal-ħin tal-mistoqsijiet u l-aġġornament ta' xi seduti, ma kien hemm l-ebda rimarka dwar nuqqas ta' qbil mal-iskeda msemmija. F'din l-istess tabella, li kif ingħad ġiet imqassma lill-Membri kollha tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, hemm indikat hekk:

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015 | 18.00-21.30 | PQs<br>(*)<br>ASIAN INFRASTRUCTURAL BANK<br>(għandu jiġi kkonfermat jekk dan l-Abbozz jgħaddix mill-istadji kollha jew biss mit-Tieni Qari)<br><br>Aġġornament |
| It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 | 18.00-21.30 | PQs<br>(*)<br>Abbozz 130 – PROFESSJONI TAX-XOGĦOL SOĊJALI<br><br>Aġġornament |
| L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2015 | 18.00-21.30 | PQs<br><br>Abbozz 128 – SPORT (Tingħalaq)<br>Abbozz 126 – PULIZIJA (Tingħalaq)<br>Abbozz 111 – PULIZIJA (Tingħalaq)<br>Abbozz 122 – VJAĠĠAR U TURIŻMU<br><br>Aġġornament |

Taħt l-istess tabella hemm ukoll innotat il-qbil li jekk jirriżulta li xi mozzjoni li tkun ġiet diskussa fil-Kumitat tal-Verifika tkun teħtieġ li tittella' fuq l-Aġenda tal-Kamra, tali diskusjoni ssir it-Tnejn 14, jew it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015, minflok l-item skedat.

Wara li s-Sedja rat dan kollu hija qiegħda tifhem li l-ftehim li ntlaħaq waqt il-laqgħa tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra tal-1 ta' Diċembru 2015 huwa li kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim unanimu dwar xi materja li tkun qed tiġi kkunsidrata mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u allura jkun meħtieġ li din l-istess materja tittella' għad-diskussjoni fil-plenarja, din il-materja għandha tiġi diskussa fis-seduta tal-lum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru jew fis-seduta ta' għada t-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 minflok l-*items* skedati.

Irid jingħad ukoll li ladarba kien hemm dak il-ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, m'għandux japplika l-provvediment li hemm fl-Ordni Permanenti 22 li jgħid:

> "**22.** Avviż ta' interpellanza jew mozzjoni jingħata billi tiġi kkonsenjata kopja tiegħu lill-Iskrivan tal-Kamra. Dik il-kopja għandha tkun miktuba pulit, u għandha jkollha l-firma tal-membru li jkun ser iressaqha. Għandu jingħata avviż ta' mill-anqas tlitt ijiem għal interpellanza jew għal mozzjoni."

Is-Sedja ħadet nota wkoll tal-punt imqajjem mill-Onor. David Agius u l-Onor. Jason Azzopardi fl-aħħar parti tal-istess laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u ċjoè sabiex qabel ma s-Sedja tagħti r-*ruling* mitlub mill-Onor. Godfrey Farrugia, tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Onor. Agius li qabel ma titla' xi mozzjoni għad-diskusjoni fil-plenarja, l-Onor. Agius ikun irid jara l-mozzjoni li jkun qed iressaq il-Gvern. Fuq dan il-punt is-Sedja tifhem li l-mozzjoni li dwarha m'hemmx qbil unanimu u allura se titella' għad-diskussjoni fil-plenarja hija l-istess mozzjoni li tressqet mill-Onor. Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar it-trasferiment ta' proprjetà f'Bormla u f'Marsaskala b'ċens lil Sadeen Education Investment Limited, fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tal-10 ta' Diċembru 2015.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tat-talba li saret min-naħa tal-Oppożizzjoni sabiex qabel ma l-materja tersaq quddiem il-plenarja għandhom jiġu ċċarati xi punti fir-rigward tar-rapporti li ntalbu waqt id-diskussjoni tal-lum fil-Kumitat. Huwa importanti li tali kjarifika, jekk huwa l-każ, issir u dan sabiex id-diskussjoni fuq il-materja li ġiet diskussa llum tingħalaq b'mod definit u dan sabiex din l-istess materja tkun tista' titressaq quddiem il-plenarja.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi u tagħmilha ċara li l-ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra kien li jekk xi materja li tkun qed tiġi diskussa fil-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tkun teħtieġ tittella' għad-diskussjoni fil-plenarja, din l-istess materja għandha tiġi diskussa f'waħda mill-ġranet indikati u allura jew illum stess, 14 ta' Diċembru, jew għada, 15 ta' Diċembru 2015.

Ir-*ruling* huwa deċiż.